Konferenza Nazzjonali

# Ix-Xogħol …… u l-Addiction?

It-18 ta' Mejju 2022

Diskors tal-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni OASI

Eċċellenza President ta' Malta, Onorevoli Agius, Sindki u kollegi.

Grazzi talli lqajtu l-istedina tagħna għal din il-konferenza.

Qabel xejn, ippermettuli nagħmel distinzjoni importanti ħafna għalina fil-ħidma tagħna. Aħna nirreferu għall-użu problematiku tas-sustanzi jew imġiba problematika li tikkawża dipendenza (bħal-logħob tal-azzard, sess, eċċ) bħala addiction. Ma nużawx il-kelma vizzju, għaliex il-persuni li niltaqgħu magħhom ta' kuljum u dawk li qed jgħixu magħna fil-ħemda ta' Wied Sara fir-Rabat Għawdex mhumiex ivvizzjati. Dawn huma persuni li għandhom kundizzjoni, rikonoxxuta mix-xjenza b'mod universali, u li għandhom bżonn għajnuna professjonali.

Meta studjajna l-informazzjoni demografika li ġbarna, dwar dawk il-persuni li għamlu kuntatt magħna s-sena l-oħra, rajna li

59% kellhom impjieg fiss;

14% kellhom xogħol maniġerjali;

16% kellhom xogħol professjonali;

30% kellhom sengħa;

16% kellhom edukazzjoni teknika jew vokazzjonali; waqt li 14% kellhom edukazzjoni unversitarja.

Dawn il-figuri huma simili ħafna tal-istatistika tal-passat.

Tħares minn fejn tħares lejn din l-istatistika, hemm indikazzjoni ċara li l-addiction qiegħda fl-istrata kollha tas-socjetà taghna. Dan huwa l-impatt ta' proċess, imsejjaħ 'normalizzazzjoni tal-użu tas-sustanzi', li ħakem lis-soċjetajiet kollha, b'mod speċjali dawk tal-Punent.

Illum iltqajna biex inqajmu għarfien u kuxjenza dwar l-addiction fuq il-post tax-xogħol. Ejja ma nħarsux lejn it-tip ta' sustanzi li jkunu qed jużaw il-ħaddiema tagħna, u minflok nevalwaw ftit il-politika (il-policies) li aħna qed infasslu fl-istrata soċjali u fl-

oqsma differenti tax-xogħol. Għandna policies li jgħinu lill-individwu b'diffikultà, jew inkella għandna politika li b'mod indirett qed tinkoraġġixxi (they enable) l-addiction?

Huwa vera li l-imġiba ta' bniedem li huwa maħkum minn xi forma ta' addiction mhux dejjem tirrifletti responsabbiltà. Nikkwota l-istudji ta' Gould (2010), Perrotta (2019), Moal u Koob (2007) fost ħafna u ħafna li juru kif l-addiction taħkem u tikkontrolla l-fakultajiet tal-individwu, bil-konsegwenza li ma jkunx razzjonali fl-għażliet tiegħu, kif ukoll ikollu nuqqas ta' kontroll fuq l-imġiba tiegħu.

Huwa ferm importanti li jkollna studji bbażati fuq il-kuntest Malti, mhux biss dwar l-impatt tal-addiction fuq ix-xogħol, imma wkoll riċerka biex tistudja l-aħjar prattiċi li għandhom jiġu addottati fuq ix-xogħol biex jgħinu lill-individwu u lil min iħaddem.

Hemm ħafna persuni li rrikorrew għal forom professjonali ta' terapija biex jegħlbu u jikkontrollaw din il-kundizzjoni, u llum il-ġurnata huma persuni produttivi fil-ħajja personali, soċjali u fl-isfera tax-xogħol.

Huma ħafna wkoll dawk li jħaddmu li jirrikorru għall-għajnuna tagħna, anke biex jiddiskutu policies jew deċiżonijiet partikolari relatati ma' addiction fuq ix-xogħol.

Nixtieq naqsam magħkom storja żgħira ta' omm, taħt it-30 sena, li qed trabbi lil binha waħedha. Taqla' taħt €1,300 fix-xahar u għandha kera ta' €700. Fil-passat kellha problema ta' addiction. Illum tixtieq tagħmel kors ta' psychiatric nurse, imma ma tistax, għax m'għandhiex is-sapport finanzjarju u binha jieħu l-prijorità. Qaltli, "Nixtieq nagħmel dan ix-xogħol għaliex l-ewwel xogħol li kelli ta' 16-il sena kien ta' cleaner ġewwa Mount Carmel. U ara kemm xogħlijiet kelli, fejn qlajt ħafna aktar paga minn dik ta' cleaner – qatt ma mort kuntenta għax-xogħol daqs kemm kont immur kuntenta għal dak ta' cleaner".

Xtaqt nikkonkludi billi nesprimi l-apprezzament tiegħi lill-Eċċellenza għas-sostenn tiegħu u tas-sapport li jurina. Grazzi lir-Reġjun tat-Tramuntana li sponsorja din l-attività u anke lis-segretarju tal-pacenzja li ħa bina. Xtaqt ngħid grazzi lill-kelliema li taw il-kontribut professjonali tagħhom. Grazzi kbira li Chris u Carrie li organizzaw din il-konferenza. Xtaqt nirringrazzja wkoll l-istaff tal-Fondazzjoni  u lilkom kollha li qed taħdmu f'dan il-qasam – qasam li xejn mhu faċli taħdem fih.

L-aħħar sentenza, "jekk jien m'iniex parti mis-soluzzjoni, jien parti mill-problema?"

Grazzi

References

Gould, T. J. (2010). Addiction and cognition. *Addiction Science & Clinical Practice, 5*(2), 4. https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3120118/

Le Moal, M., & Koob, G. F. (2007). Drug addiction: pathways to the disease and pathophysiological perspectives. *European Neuropsychopharmacology, 17*(6-7), 377-393. https://doi.org/10.1016/j.euroneuro.2006.10.006

Perrotta, G. (2019). Behavioral addiction disorder: definition, classifications, clinical contexts, neural correlates and clinical strategies. Review article, Author. *Journal of Addiction Research and Adolescent Behavior, J Addi Adol Beh, 2*(1), 3-10. https://doi.org/10.31579/JARAB.19/007